# Il-Mosta maż-Żmien



tagħrif miġbur mis-Sur John SARÈ

## It-tifsira

Achille Ferris jgħid li 'MOSTA' ġejja mill-Għarbi u tfisser "moħbi", u "mill-verb tistor" toħroġ "mistur". Biż-żmien 'mistur' saret 'Mosta'. Godfrey Wettinger jgħid li 'Mosta' tfisser "fin-nofs". Fil-fatt ġeografikament il-Mosta qegħda fin-nofs ta' Malta. Jaqblu ma' Wettinger insibu lil Sir Temi Zammit, Pietru Pawl Saydon, Ninu Cremona u Ġużè Aquilina.



Il-Mosta fil-Preistorja: Id-Dolmen li jinsab ġewwa Wied Filep.

## Il-Mosta fil-Preistorja

M'hemm l-ebda evidenza li fil-Mosta kien jgħix il-bniedem preistoriku, imma dan ma jeskludix li kien jgħix fl-għerien, bħal ngħidu aħna f'dawk l-għerien ta' Wied il-Għasel. Tempji kbar bħal ta' Ħal Tarxien ma ssibx fil-Mosta, imma hemm fdalijiet ta' ġebel kbir magħruf bħala *Megalith* li għadhom magħna sal-lum. Li nqered minħabba l-iżvilupp tal-bini hu "ħajt megalitiku" li kien hemm fuq is-sit tal-Fortizza tal-Mosta. Li baqa' jeżistu huma oqbra mħaffrin fil-blat li nstabu fil-Biżbeżija fl-1928 u f'Ta' Vneżja fl-1936. Dawn kienu nstabu mill-Professur J.D. Evans.

## Żmien il-Bronż 2500-700 Q.K.

Kien *settlement* bħal ta' Borġ in-Nadur. F'Wied Filep hemm żewġ Dolmen li kien misjuba minn Napuljun Tagliaferro (l-ewwel President tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard). Napuljun twieled fl-1843 u miet fl-1915. Kien arkeologu, u kitbiet tiegħu importanti sabu ruħhom f'Universitajiet barra minn Malta. Dawn huma '*The Prehistoric Pottery found at the Hypogeum at Hal Saflieni*' - fl-Università ta' Liverpool fl-1910; '*Caves and Fissures in the Maltese Islands*' - Università ta' Ġibiltà fl-1915; '*Pottery found at Ħaġar Qim and Mnajdra*' - Librerija Nazzjonali ta' Malta fl-1910; '*Prehistorical Burials in a cave at Bur Meghrez at Mqabba*' - *Istituto di Archeologia* f'Ruma fl-1911.

Id-Dolmen li nstab f'Wied Filep huwa rettangulari - 3.80 metri twil, 1.65 metri wiesgħa. Ix-xriek, jiġifieri l-blata tal-wiċċ, hi aktar minn nofs metru ħoxna. Il-qabar hu metru u nofs għoli. Minn studju li għamel Sir Temi Zammit fl-1930 jirriżulta li kien hemm aktar minn dolmen wieħed f'dawn l-inħawi. Wied Filep kien minn ta' l-ewwel li beda jiġi nvestigat professjonalment dwar x'seta' kien fihom dawn l-oqbra.

Il-Mosta wkoll tagħmel parti minn storja enigmatika. Qed nirreferi għar-raddi (*cart ruts*) li hemm f'Misraħ Għonoq, li qiegħed taħt il-Fortizza tal-Mosta, ix-Xagħra tal-Wej u dawk li dalwaqt jisparixxu f'San Pawl tat-Tarġa. Il-barriera waslet qrib tagħhom.

## Żmien il-Feniċi u Żmien Puniku 700 - 218 QK

L-ebda struttura wieqfa ta' dan iż-żmien ma' tinsab fil-Mosta. Din mhix sorpriża għax l-uniku bini wieqaf ta' dan il-perijodu jinsab biss fiż-Żurrieq. Imma oqbra tal-Feniċi u oqbra Puniċi jinsabu ħafna fl-inħawi tal-Mosta. Numru konċentrat ta' dawn l-oqbra jinsab fl-inħawi tal-



Żmien il-Feniċi u dak Puniku: Il-ġebla megalitika li tinsab f'Ta' Falka, ħdejn id-Dwejra.

Wej u ta' Santa Margerita. Hija ħasra u ta' għajb li xi wħud minn dawn ġew distrutti minn kuntratturi għal skop ta' bini u oħrajn ġew inkorporati fid-djar u vilel li telgħu f'dawn in-naħat. Oqbra oħra ġew misjuba u għadhom jeżistu fin-naħa tal-Knisja ta' l-Isperanza, fil-blat ta' San Ġużepp tat-Tarġa, u fil-Biżbeżija. Ħdejn il-*Pumping Station* f'Ta' Falka nstabet ġebla megalitika kbira ħafna, imma għadna ma nafux x'kien l-użu tagħha. Li hu żgur hu l-fatt li din il-ġebla mhix il-Ħaġra l-Wieqfa (menħir).

Dan in-numru kbir ta' oqbra mnaqqxa fil-blat iwasslu għall-konklużjoni li l-Mosta kienet mgħammra min-nies ta' Żmien il-Feniċi u Kartaġiniżi. L-istoriku E.B. Vella hu tal-fehma li ladarba nsibu dawn l-oqbra, xi *settlement* kien hawn, meta nafu li dawn in-nies kienu jidfnu l-għeżież tagħhom viċin ħafna s-*settlement*. Ir-raġuni tgħidlek ukoll li ladarba kellhom daqshekk blat fil-viċin, kien aktar jaqbel li tħaffer qabar fil-blat milli timxi fil-bogħod biex tidfen il-mejjet.

## Żmien ir-Rumani u l-Biżantini 218 QK - AD 870

Sa minn qabel ħafna l-wasla tar-Rumani, Malta kellha ċentru li kien Rabat-Mdina. Sa minn qabel il-wasla tar-Rumani, is-Salina kien iservi bħala port għal vapuri żgħar. La l-Mosta hi f'nofs dawn iż-żewġ ċentri importanti, bil-fors li kellha rwol qawwi fiż-Żmien Ruman f'Malta. Ir-Rumani bnew 25 djar kbar - dawn aħna nirreferu għalihom bħala *villas*, imma mhux korrett. Minn dawn id-djar kien hemm numru minnhom li kienu residenti f'Malta. Anthony Bonanno jagħti raġun lil E.B. Vella meta dan jgħid li l-Mosta kienet post favorit mar-Rumani bħala residenti f'Malta.

Bonanno jgħid li waħda minn dawn id-djar Rumani tinsab ħdejn Torri Falka. Bini ftit li xejn baqa' minnha, iżda il-*caldarium* għadu jidher sewwa u sa sentejn ilu kien għadu mhux minsus. Il-*caldarium* Ruman huwa mezz biex kienu jsaħħnu l-ilma għall-banjijiet. Fil-Bidnija hemm irħajjel medjoevali (*hamlet*) Ħal Dragu li hemm midfuna btieti taż-żejt kif ukoll numru kbir ta' għadam taż-żebbuġ. F'Wied Riħana hemm siġar taż-żebbuġ li għandhom fuq l-



Żmien ir-Rumani u l-Biżantini: Il-Caldarium li jinsab f'Torri Falka minn barra. Din l-entratura tqarraq bik għax tidher żgħira, iżda meta tinżel ftit turġien żgħar, issib post kbir imħaffer b'sengħa kbira fil-blat, imqassam fi tlett sezzjonijiet u b'bokka fis-saqaf li tagħti għal fejn kienet il-Villa Rumana.



Żmien ir-Rumani u l-Biżantini: Il-Caldarium ta' żmien ir-Rumani li għadu f'kundizzjoni tajba u li jinsab ħdejn it-Torri Falka. Jidher tajjeb ix-xogħol ta' arkati fil-ġebel tal-qawwi li kienu magħrufa għalih ir-Rumani.

2000 sena. Dawn is-siġar taż-żebbuġ qed idawwru amfiteatru Ruman. Ħafna huma dawk li jgħadduh bħala santwarju Puniku.

Malta Biżantina hija karatterizzata minn oqbra kollettivi, imsejħa *Hypogea* u katakombi, b'tipoloġija Kristjana, bi frażijiet u simboli mill-Bibbja, huma mxerrdin mal-gżira kollha. Imma l-akbar konċentrazzjoni tinsab fl-inħawi Rabat-Mdina. L-aktar magħrufin huma dawk ta' San Pawl u ta' Sant'Agata, li fi żmienhom dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala *Melite*. Hemm il-katakombi tas-Salina u tal-Mentna fl-Imqabba. Il-Mosta għandha sehem ukoll minn dawn il-katakombi u nsibuhom fil-*Hypogea* tal-Bistra, ħdejn Tarġa Gap. Dawn tal-Bistra huma fost l-isbaħ, għax hemm tipi differenti ta' oqbra, kbar u żgħar, *agape tables* li jidher li dawn huma hawn biss. *Hypogea* ieħor fil-Mosta, li llum ġie meqrud, hu dak ta' Għammariet, viċin ta' Tal-Bistra, fejn żmien ilu kien hemm l-irħajjel medjoevali ta' Ħal Dimekk. Il-Mosta, iżda għad baqgħalha tliet *hypogea* li għadhom intatti. Dawn jinsabu f'Misraħ Għonoq, li jinsabu fil-Fortizza tal-Mosta; *hypogea* f'Wied il-Għasel, hemm 7 oqbra f'għamla ta' nofs ċirku; u ieħor żgħir fil-ġonna ta' Torre Cumbo.



Żmien ir-Rumani u l-Biżantini: It-Torri Cumbo li fil-ġonna tiegħu hemm hypogeum żgħir.

## Iż-Żminijiet tan-Nofs 870 - 1530

Fis-sena 870, l-Għarab *Aghlabite*, rebħu lil Malta mingħand il-Biżantini. Nafu ftit wisq fuq dawn iż-żminijiet. U fil-Mosta, ftit hemm ħjiel tagħhom. Kulma nsibu huma ismijiet ta' lokalitajiet u xi struttura arkitettonika tal-Mori - *Moors*.



*Żmien ir-Rumani u l-Biżantini: Parti mit-triq Rumana li tinsab fil-limiti tad-Dwejra f'Ta' Falka u li għadha f'kundizzjoni tajba. Din hija l-unika waħda li għadha teżisti f'Malta u Għawdex. Tidher biss parti minnha għax twila mhux ħażin u sserrep f'nofs telgħa mdawwra bl-għelieqi.*

Minn xi żmien l'hawn ir-riċerka bdiet issir aktar bis-serjetà u l-awtoritajiet jidhru aktar disponibbli favur min jidħol għar-riċerka. Bejn l-1240 u l-1530, insibu rħajjel li kellhom bejn 10 u 50 ruħ fihom. Xi rħajjel huma: Raħal Calleja, Raħal Sir, Raħal Hobbla, Raħal Pessa, Raħal Dimag. Dawn huma kollha rħajjel medjoevali.

Sas-sena 1419 kien ġa sfaxxaw jew ġew assorbiti fir-raħal Mosti. Nagħti xi eżempji: Raħal Mosta/Calleja = 310 persuni; Raħal Pessa/Dimekk = 475 persuni. Dawn iż-żewġ irħula bejn l-1436 u l-1608 ma riedux li jinqatgħu minn man-Naxxar.

Fiż-żminijiet tan-Nofs, Malta kollha kellha d-Dejma u l-Angara. Dawn xogħlhom kien għassa mal-kosta li kien f'idejn l-Angara, u d-dmirijiet militari kienu f'idejn id-Dejma. Il-Mosta kellha d-Dejma u l-Angara tagħha. Insibu li fid-Dejma kien hemm 95 suldat u fl-Angara kien hemm 74. Kontribut qawwi ħafna meta tiftakar li fl-1480 kien hemm 480 abitanti. Iż-żiemel kellu jiġi pprovdut mis-suldat tad-Dejma nnifsu. Id-Dejma u l-Angara Mostija kellhom jiddefendu t-Torri Lippija (l-Imġarr); Għajn Tuffieħa; Għajn Rażul; Buġibba u Burmarrad. Id-dokumenti ma' jidħku b'ħadd. Insibu li xi Mostin sabu mezzi kif jeħilsu minn dawn id-dmirijiet.

Iż-Żminijiet tan-Nofs spiċċaw ħażin għall-Mosta. Fl-1526, mingħajr ma' kienet mistennija, razza ta' korsari mmexxija minn Rajjes Sinam Basha attakkat l-Mosta u ħadet 400 ruħ fil-jasar. Magħhom kien hemm għarusa li żżewġet dik il-ġurnata stess. Magħha kien hemm ukoll il-ħaddara. Ġan Franġisk Abela jgħid li l-poplu kollu ġabar flus biżżejjed biex ħelsuhom mill-jasar. Ftaqru kollha u f'dan l-istat il-Kavallieri ta' San Ġwann sabu lil Mosta, meta fl-1530, l-Imperatur ta' Spanja, Karlu V ċeda lil Malta lil l'Isle Adam.



*Żminijiet tan-Nofs: Id-Dejma u l-Angara Mostija kienu responsabbli li jiddefendu d-daħla ta' Għajn Rażul, illum magħrufa bħala l-Veċċa. F'dan il-post insibu din in-niċċa bl-istatwa ta' San Pawl. 'Rażul' hija kelma antika ħafna li tfisser 'Appostlu'.*

## Malta taħt il-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann 1530 - 1798

Minn dakinhar li l-Gran Mastru L'Isle Adam daħal fil-Port il-Kbir, it-Torok Ottomanni ħalfu li f'Malta jeqirdu l-Ordni ta' San Ġwann. Għalhekk Malta, mingħajr ma riedet u talbet, sabet lilha nnifisha fil-mira ta' Dragut. Fl-attakk ta' l-1551, il-Mosta u inħawi oħra f'Malta ħelsuha. Iżda mhux hekk Għawdex. Ġarrew lill-abitanti kollha barra ftit xjuħ u dawk li rnexxielhom jaħarbu mill-mini taċ-Ċittadella. Il-bqija sabu ruħhom ilsiera tat-Torok u ħafna minnhom, l-aktar in-nisa u tfal, ġew mibjugħa fis-suq.

Fl-1565 ġew lura bl-eluf u Malta kellha tissaporti assedju twil. Għalkemm il-ġlied kollu seħħ fuq l-Għolja ta' Xebb-ir-ras u l-inħawi tagħha, l-irħula kollha ta' Malta kienu b'mod jew ieħor involuti. Il-Mosta pprovdiet suldati li ngħaqdu ma' dawk tan-Naxxar li b'kollox kien hemm 590 suldat. Il-Kmandant ta' dan ir-reġiment kien il-Kavallier Fra de Lugny. In-nisa, tfal u x-xjuħ sabu kenn fl-Imdina. F'dokument li ħallilna Bosio, l-istoriku ta' l-Ordni, jgħid li l-bidu tal-ġlied mat-Torok beda fil-Mosta.

Fit-30 ta' Mejju 1565, 400 Tork immexxija minn Sinam Pasha, iltaqgħu ma' 80 suldat tal-kavallerija, taħt il-kmand tal-Kavallier Eguaras. Meta l-kavallerija ta' l-Imdina ndunaw x'kien qed jiġri fil-Mosta, niżlet għajnuna u dawn ħarbtu lit-Torok u ħallew 200 mejta warajhom. Inqabdu numru kbir ta' priġunieri li ttieħdu fil-ħabsijiet ta' l-Imdina. Sas-7 ta' Settembru ta' l-1565, il-Mosta kienet kontinwament attakkata mit-Torok. Mustapha Pasha ġie mogħti rapport ħażin meta ma qalulux eżatt kemm kienet kbira l-għajnuna li ġiet minn Sqallija. Għalhekk refa' l-ankri u telaq lejn San Pawl il-Baħar. Hemmhekk niżżel forza kbira ta' 9,000 suldat u qabad il-mixja lejn il-Mosta.

Parti mill-għajnuna li ġiet minn Sqallija marret fuq l-għolja tan-Naxxar u osservat lit-Torok resqin lejhom. Il-kmandant tar-*Relief Force* kien De la Corna. Kontra l-ordni tiegħu, l-Isqallin meta rawhom joqorbu lejhom, ħarġu għalihom u meta t-Torok rawhom ġejjin lejhom, tgerfxu, tħarbtu



*Żmien l-Ordni ta' San Ġwann: Il-Kappella ta' Santa Margerita fejn jinsabu midfuna dawk li mietu bil-pesta bejn l-1592 u 1593.*



*Żmien l-Ordni ta' San Ġwann: Qabar ta' żmien il-pesta fl-era ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li llum jinsab fil-Kappella ta' Santa Margerita.*

u telqu lejn ix-xwieni. Grupp ta' Torok, f'dispramen ħatfu taħt idejhom it-Torri ta' Falka. Il-Mostin niżlu għalihom, u għalkemm it-Torok irreżistew kemm felħu, kienu għajjenin u delużi. Qatt ma' ħasbu li l-Maltin u l-Kavallieri kienu ser iżommu daqshekk. Allura t-Torok, għal xhur sħaħ barra minn darhom, bla għajnuna, b'nuqqas ta' ikel u ilma, iddeċidew li jitilqu minn Malta. Hekk intemm l-Assedju ta' l-1565.

Il-ħajja tal-Maltin u b'mod speċjali tal-Mostin bdiet ġejja għan-normal. Fl-1575, f'viżta pastorali ta' Monsinjur Pietru Pawl Dusina kiteb li żar il-Mosta u sab 116-il familja. Fl-1592/93 Malta ntlaqtet mill-pesta u fil-Mosta mietu 27. Fil-pesta ta' l-1623, il-Mosta ma ntlaqtitx.

Wara dan il-perijodu, il-Mosta bdiet tieħu r-ruħ. Fl-1797, sena qabel it-tkeċċija ta' l-Ordni minn Malta, il-popolazzjoni tal-Mosta kienet 2,593. Naturalment wara l-Assedju, l-Ordni ġab stabbilità u ħajja aħjar ma' Malta kollha, u naturalment il-Mosta kellha sehemha wkoll minn dan il-ġid. Il-Mosta kienet iċ-ċentru fil-kultivazzjoni tal-qoton, fl-industrija ta' l-insiġ, fil-produzzjoni ta' l-għasel, fil-produzzjoni ta' l-inbid, prodotti ċereali u fil-biedja. Il-Mosta tat lill-irħula ta' madwarha naġġara u bennejja prima, li s-sengħa tagħhom ħaduha f'diversi rħula ta' Malta.

## Żmien il-Franċiżi 1798 - 1800

F'Ġunju tas-sena 1798, Napuljun Bonaparti, fi triqtu lejn l-Eġittu, għamel waqfa f'Malta bl-iskuża li kellu bżonn l-ilma. Ma tilifx wisq żmien li ma tefgħax lill-Gran Mastru u l-Kavallieri 'l barra u għamel lilu nnifsu il-Ħakkiem ta' Malta u Għawdex.

It-tibdiliet li għamel kienu mgħaġġla wisq. Dawn qanqlu rewwixta li bdiet u ġriet ma' Malta kollha fit-2 ta' Settembru 1798. L-assedju Malti fuq il-Franċiżi dam sentejn biex wassal lil dawn ta' l-aħħar jitilqu minn Malta telliefa.

Evidenza dokumentata turi li l-Franċiżi għaddew mill-Mosta biex telgħu l-Imdina hekk kif dawn niżlu l-art. Dak iż-żmien Malta u Għawdex kienu maqsuma fi tnax-il kunsill distrettwali, imsejħa 'muniċipalità'. Naxxar, Għargħur u Mosta kienu jiffurmaw muniċipalità waħda. Il-membri rappreżentanti ta' dan id-distrett kienu żewġ Mostin - Dr. Francesco Falzon u Tommaso Chetcuti.



*Żmien il-Franċiżi: Statwa ta' Napuljun Bonaparti li tinsab fuq il-qabar tiegħu f'Les Invalides ġewwa Pariġi.*

Fit-12 ta' Settembru 1798, kontinġent Franċiż ħareġ minn Forti Manoel bil-ħsieb li jattakka stakkament ta' suldati Maltin li kienu fil-Mensija. Il-Franċiżi kellhom jerġgħu lura għax sabu xita ta' balal fuqhom mis-suldati ta' Birkirkara, Mosta u Naxxar, li kienu moħbija wara ħitan tas-sejjieħ. Hawn l-istorja rrepetiet ruħha għax dawn għamlu bħan-nies ta' Borġ in-Nadur. Fis-17 ta' Novembru 1798, il-Maltin li kienu barra l-fortifikazzjonijiet tal-Belt, waqqfu Assemblea Nazzjonali u hemm dokumentat li r-rappreżentant tal-Mosta kien Dun Ġwann Pullicino.

F'Jannar ta' l-1799, komplott kontra l-Franċiżi ġie mwaqqaf mill-Mosti Guglielmo Lorenzi. 200 raġel, il-maġġoranza tagħhom mill-Mosta, kienu mistoħbijin fl-imħażen ta' Marsamxett. Ma kienux jafu li dawn ġew ittraduti u allura meta l-Franċiżi, armati sa snienhom qabżu fuqhom, il-Maltin kellhom iċedu mill-ewwel.

Fi Frar ta' l-1799, delegazzjoni Maltija dehret quddiem ir-Re ta' Napli u formalment talbet biex Malta titpoġġa taħt il-kmand ta' Kaptan Ingliż. Fost id-delegati kien hemm Dun Feliċ Callejja, il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Mosta. F'April ta' l-istess sena nħasset il-ħtieġa ta' aktar dixxiplina fost it-truppi Maltin u ttieħdu passi biex l-assentejiżmu jinqata' għal kollox. L-ewwel ri-organizzazzjoni saret fit-trunċieri tal-Għargħur fejn 454 suldat minn Birkirkara u




*Żmien il-Franċiżi: Kxif tal-Monument tal-Qalbiena Mostin li sar fl-1 ta' Novembru 1992. Hawnhekk insibu l-ismijiet tal-Mostin li ġew iffuċillati ma' Dun Mikiel Xerri għax kienu ħadu parti fil-komplott kontra l-Franċiżi. Il-Monument ġie nawgurat mill-President ta' Malta, Dr. Ċensu Tabone, li jidher mas-Sur Nazzareno Vassallo, Sindku tal-Mosta dak iż-żmien.*

84 mill-Mosta jitpoġġew taħt il-kmand ta' Vinċenzo Borg Brared. Sa Settembru 1800, kienu ri-organizzati 2,505 suldat. Il-kontinġent tal-Mosta kien jikkonsisti minn żewġ kaptani - Giuseppe Galea u Mikiel Bertis - 13-il surġent, 10 kapurali u 100 suldat.

Il-Mostin batew ħafna waqt is-sentejn tal-Franċiżi f'Malta. Dun Feliċ Calleja, f'isem il-poplu Mosti, kien irċieva midalja tad-deheb bil-kliem *'Malta Liberata'*.



*Żmien l-Ingliżi: Dettal tan-naħa ta' wara tal-Fortizza tal-Mosta, li tinsab ħdejn il-pont ta' Santa Margerita.*

## Il-Mosta fi Żmien l-Ingliżi 1800 - 1945

Meta l-Franċiżi ċedew f'idejn l-Ingliżi, il-futur ta' Malta ġie diskuss. Ir-Re ta' Napli ried li Malta terġa' tingħata lill-Ordni ta' San Ġwann, iżda l-Ingilterra riedet li Malta taqa' taħt il-bandiera Ingliża, u bagħtet lill-Kaptan Ball f'Malta. Napuljun ma naqasx li jkollu r-rappreżentant tiegħu f'Malta, u l-Papa ħatar Gran Mastru u qallu biex jerġa' jieħu lil Malta f'ismu u r-Re ta' Napli poġġa t-truppi Naplitani f'Malta biex il-gżira taqa' taħt idejh.

Fil-15 ta' Ġunju 1802, il-Maltin u l-Għawdxin, wara li minn taħt saru jafu bil-manuvri li kienu għaddejjin, ħarġu



*Żmien l-Ingliżi: Grupp ta' ħaddiema Mostin fil-Fortizza tal-Mosta fl-1942.*

d-*'Dichiarazione dei Diritti degli Abitanti di Malta e Gozo'*. Wieħed li ħadem ħafna, biex din id-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn kulħadd, li matul l-assedju tal-Franċiżi kellhom xi kariga, kien Dun Feliċ Calleja. Id-dikjarazzjoni kienet tgħid li ħadd ħlief il-poplu Malti ma kellu d-dritt jagħżel taħt min riedu jaqgħu. Naturalment nafu li l-Maltin għażlu li jaqgħu taħt il-Gvern Ingliż. Sena wara, fl-1803, l-Ingilterra u Franza daħlu fi gwerra. Imma kellna nistennew sas-sena 1814 biex it-Trattat ta' Amiens jistabbilixxi darba għal dejjem li Malta u d-Dipendenti tagħha kellhom jgħaddu f'idejn il-Gvern Ingliż. Fl-1815, l-Ingliżi qasmu lil Malta f'distretti u nsibu li l-Mosta, Ħad-Dingli, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi u l-Imdina jiffurmaw distrett wieħed. Dan id-distrett kellu lill-Konti Baldassare Sant bħala *Lord Lieutenant* u bħala logo-tenent jew Kmandant kien hemm il-Mosti Ġanmarì Chetcuti.

## Żmien ir-Rotunda

Wara t-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta, il-ħajja bdiet ġejja għan-normal. L-Ingliżi stabbilixxew ruħhom u jidher li l-kunfidenza u x-xewqa li kulħadd jaħdem reġgħet nibtet mhux biss fil-Mostin imma mal-Maltin kollha. Sadanittant, il-pesta ħakmet għal darb'oħra l-gżejjer Maltin bi ħruxija liema bħalha. Il-ħajja kummerċjali ħadet daqqa ta' ħarta kbira. Il-faqar reġa' tfaċċa għal darb'oħra u wisq aktar fil-Mosta fejn l-attività ewlenija - dik tal-biedja - waqfet kważi għal kollox.

Kien f'dawn iż-żminijiet li l-Mostin bdew joħolmu bis-serjetà biex jibnu knisja ġdida, akbar u isbaħ. Il-knisja, attribwita lil Tumas Dingli, issa saret żgħira. Il-Kappillan Dun Feliċ Calleja kien minn ta' quddiem nett biex il-Mostin ikollhom knisja oħra. Kollox fuq kollox, il-popolazzjoni kulma jmur kienet dejjem tikber. Donnu biex tgħin l-għajta ta' knisja ġdida, ġriet ix-xniegħa li l-knisja l-qadima ma kinitx strutturalment soda.

Iż-żmien ma kienx favur il-Mostin u biex is-sitwazzjoni aktar titgħarraq, feġġet l-epidemija tal-kolera. Allura l-flus li diġà kien hemm għall-knisja l-ġdida, kellhom jintużaw biex tiġi kkontrollata l-mixja tal-kolera u jiġu mgħejjuna dawk milquta. Wara li l-mixja tal-kolera għaddiet, u l-ħajja reġgħet għan-normal, bdew it-tħejjijiet għall-bini tal-knisja l-ġdida.

Għal tletin sena, il-Mostin ħadmu biex jaraw il-ħolma tagħhom isseħħ, dik li jkollhom knisja akbar u isbaħ. Giorgio Grognet de Vassè kien xegħlilhom l-



*Żmien ir-Rotunda: Pjanta tar-Rotunda ddisinjata mill-arkitett G. Grognet li tinsab fis-sagrestija tal-knisja msemmija.*



*Żmien ir-Rotunda: Dehra sabiħa tar-Rotunda f'nhar il-festa ta' Santa Marija.*

immaġinazzjoni u fehmu li jekk ma jagħmlux sagrifiċċji kbar u b'kull mod possibbli jagħtu sehemhom, ir-Rotunda ma kienitx tasal biex tinbena. Fil-fatt ir-Rotunda hi l-ewwel bini neo-klassiku li nbena qabel l-1850. Bil-mod il-mod, il-ħajja fil-Mosta bdiet ġejja għan-normal u allura l-Mostin setgħu jaħsbu bis-serjetà ħalli jibnu knisja akbar. Il-popolazzjoni żdiedet.

Fl-1832 twaqqaf kumitat biex jorganizza x-xogħol li kellu x'jaqsam mal-bini tal-knisja. Il-kumitat, wara li l-Isqof Mons Franġisk Saverio Caruana tahom il-permessi meħtieġa, ħareġ sejħa għall-pjanti u mudelli. Intalab ukoll permess mingħand il-Gvernatur li kien *Major General* Fred Cavendish Ponsomby li dan ukoll ma sabx oġġezzjoni. Fiż-żmien li l-Mostin kienu qed jaħsbu fil-bini tal-knisja l-ġdida, il-popolazzjoni kienet madwar 4,000 u l-Knisja l-Qadima ma kienitx kbira biżżejjed biex tilqa' n-nies kollha.

Grognet ukoll issottometta pjanti, disinji u mudelli. Imma ħadd ma kien jistenna l-oppożizzjoni qawwija li kellhom iħabbtu wiċċhom magħha Grognet u l-Kappillan Dun Feliċ Calleja. Dun Feliċ għoġbitu l-pjanta u riedha, u ġġieled għalija. Interessanti l-fatt li l-Isqof ma qabilx mal-pjanta l-ġdida għas-sempliċi raġuni li din ma kienitx forma ta' salib. Fost dawk li ma qablux mal-pjanta ta' Grognet kienu l-periti u l-bennejja "*capomastri*". Dawn sostnew li l-ġebla tal-franka ma kienitx ser tiflaħ dak it-toqol kollu. Il-kumitat ħassu li ma kellux jerfa' r-responsabbiltà waħdu. Għalhekk qabbad lir-*Royal Engineers* biex jagħtuh rapport li dawn ma sabu xejn fid-disinji ta' Grognet li setgħu b'xi mod jitfgħu dell fuq ix-xogħol. Fis-27 ta' Frar 1833, il-kummissjoni tat parir lill-Kappillan li ix-xogħol seta' jibda fuq il-pjanta u d-disinji ta' Grognet.

L-ewwel ġebla tqiegħdet f'Mejju ta' l-istess sena iżda l-Isqof ma marx. Il-Vigarju kien Dun Salvatore Lanzon. Il-Mostin ħaduha bi kbira ħafna li sakemm miet l-Isqof, ma rifesx il-Mosta. Ix-xogħol tal-bini beda bil-mod ħafna taħt il-*Capomastro* Ġużeppi Mangion minn Birkirkara. Fl-1837 il-bini għadda f'idejn wieħed mill-aqwa bennejja li qatt rat Malta, iż-Żejtuni Mastru Anġ Gatt.

Dun Feliċ Calleja kien diġà miet, fl-20 ta' Frar 1833, ta' 82 sena. Fit-testment tiegħu ħalla ġidu kollu, li kien jammonta għal 8,423 skud, għall-bini tal-knisja l-ġdida. Il-flus ma damux ma spiċċaw, u l-Kappillan il-ġdid Dun Ġanmarì Schembri tagħtu rasu. L-ewwel ma għamel, ta flusu kollha lill-knisja - 2,6000 skud. Bil-permess tal-Vatikan dawwar il-legati taż-żwiġijiet favur il-knisja u flus oħra billi l-qassisin irrinunzjaw għad-dħul dovut lejhom biex imur favur ix-xogħol tal-bini. Ma' dawn il-ġesti tassew sbieħ u nobbli, ingħaqqdu eluf ta' Mostin li taw xogħol volontarju sat-tqiegħed ta' l-aħħar ġebla. Ser insemmi eżempju wieħed imma naħseb li jfisser ħafna. In-nisa organizzaw ruħhom biex itellgħu l-ilma minn Wied Riħana.

Il-Kappillan Dun Ġanmarì Schembri miet fit-28 ta' Settembru 1859, ta' 60 sena. Ftit qabel miet, il-familjari ta' Dun Ġanmarì għaddewlu xi wirt mingħajr kundizzjonijiet. Meta wara mewtu nqara t-testment, instab li ħalla kollox għall-bżonnijiet tar-Rotunda. Il-Kappillan il-ġdid, il-Karkariż Dun Antonio Mallia, seta' jkompli bix-xogħol mingħajr tfixkil, għax fi żmienu, flus kien hemm.

Fil-11 ta' Marzu 1860, ir-Rotunda ġiet imbierka minn Mons. Fra Gaetano Pace Forno, ta' l-Ordni ta' Santu Wistin. Grognet kien fortunat li ra l-ħolma tiegħu lesta. Hu miet f'Settembru ta' l-1862 u flimkien ma' Mastru Anġ Gatt, hu midfun fir-Rotunda.

## Il-folklor tal-Mosta

Kull belt u raħal f'Malta għandu l-leġġenda tiegħu. Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-leġġenda tal-Mosta tkun diġà smajtha, *in fondo* hemm differenza li mhux mill-ewwel tolqtok.

Dun J. Magri, il-folklorista Malti, jgħid li fl-1904 sema' din it-tifsira mingħand raħħal miż-Żurrieq: Ġganta kellha żewġt itfal - tifel u tifla - ħbiethom fil-foresta. Fil-għodu kmieni, dgħajsa b'xi nies fuqha, resqet lejn l-art, daħlu fil-foresta u serqu lit-tfal. F'nofs inhar il-ġganta marret biex titma' lit-tfal u ma sabithomx. Niżlet lejn ix-xatt u tara d-dgħajsa bit-tfal titbiegħed. Peress li kienet ġganta, fi ftit ħin waslet ħdejn id-dgħajsa. Wieħed mill-baħrin qabad marlazz u tajrilha l-pali ta' idejha. Minħabba f'hekk ma setgħetx tgħum u għerqet.



*Żmien ir-Rotunda: Il-qabar ta' l-arkitett George Grognet de Vassè ġewwa r-Rotunda stess.*



*Żmien ir-Rotunda: Il-qabar ta' l-Imgħallem tal-bini tar-Rotunda, Mastr'Anġ Gatt, li jinsab ukoll fir-Rotunda.*

Id-dgħajsa waslet fix-xtut ta' Malta. It-tifla żżewwġet Għawdxi u allura l-Għawdxin ġejjin minnha. It tifel iżżewweġ Mostija u allura l-Mostin ġejjin kollha minnu. (It-tixbiha hija mal-ġgantija tal-Qala).

## Il-leġġenda ta' l-Isperanza

Ħafna huma l-leġġendi reliġjużi li minħabba fihom jinbnew kappelli, niċeċ, u slaleb fi pjazez. Oħrajn jinbnew bi twettiq ta' xi wegħda meta xi ħadd isib ruħu f'periklu kbir. L-aktar periklu komuni kien il-ħbit mit-Torok. Il-kappella ta' l-Isperanza hi waħda minn dawn il-kappelli mibnija fuq wegħda.

Familja mill-Mosta kienu qed jaħdmu fl-għelieqi tagħhom f'Burmarrad meta f'daqqa waħda ndunaw li ftit 'il bogħod minnhom grupp ta' pirati Torok kienu qed iġorru



*Żmien ir-Rotunda: Il-Kwadru Titulari ta' l-Assunta li jinsab meqjum fil-Kor tar-Rotunda - xogħol ta' l-1678, li ħafna jattribwuh lil Baskal Buhagiar.*

rġiel u nisa għall-iskjavitù. Il-familja ħarbet lejn ir-raħal iżda t-tfajla waqgħet lura ħafna tant li kważi kienet milħuqa mit-Torok. Quddiema jitfaċċa għar li mill-ewwel daħlet fih, għaddiet minn qalb ħafna għanqbut. Hemm ġew talbet lill-Mulej u lill-Madonna li jekk jeħilsuha mit-Torok, tibnilha kappella.

It-Torok daħlu warajha. Fittxew fl-għar. Ftit ħasbu li wara l-għanqbut kien hemm it-tfajla. Verżjoni oħra hi li nħbiet wara massa tursin il-bir. Il-kappella fil-fatt nbniet fuq il-post fejn inħbiet it-tfajla.

## Il-leġġenda ta' San Corrado

It-tradizzjoni tgħid li eremita kien jogħqod il-Mosta fil-viċinanza tal-Kappella ta' San Pawl. Sal-lum ħafna għadhom jemmnu li kien is-Serv t'Alla Corrado minn Noto fi Sqallija.

Il-leġġenda tgħid li wara li l-eremita sab post maqtugħ għalih fejn seta' jgħix fil-kwiet u jgħaddi żmien fil-meditazzjoni, kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna inkwiet li qalgħulhu n-nisa Mostin. Dawn riedu jeħilsu minnu għax kien kixifhom dwar il-ħżunija tagħhom. Allura dawn iddeċidew li jittantawh biex forsi jirnexxilhom ikeċċuh. Waħda minnhom kienet tmur viċin fejn kien qiegħed u tgħajjat għal l-ajjut. Meta ma kienx imur jgħinha kienet tgħid li l-qdusija tiegħu kienet falza. Darba minnhom ħareġ biex jgħinha u billi din id-darba n-nisa kienu mifħtema minn qabel, hekk kif rawh ħdejha, bdew jgħajruh u jwaddbulu xita ta' ġebel. Xejn ma kkonfonda, anzi dar lejhom, berikhom u telaq għal għonq it-triq. X'ħin wasal ħdejn ix-xatt, tefa' l-mantell fil-baħar, niżel fuqu u telaq lejn Kemmuna.

X'ħin tbiegħed xi ftit mix-xatt dar lejhom u ħabbrilhom 4 profeziji: 1) li Malta kellha tintlaqat minn invażjoni Torka. Din ġrat fis-sena 1470; 2) li l-Mosta għad tiftaqar. Dan ġara fl-1526 meta t-Torok ħadu fl-iskjavitù ma' l-400 persuna nkluża għarusa u l-ħaddara. Biex fdewhom kollha, il-Mostin ftaqru; 3) li Malta għad ikollha dejn ta' falkun. Fil-fatt il-Gran Mastru, kull sena kien jibgħat falkun lir-Re ta' Sqallija; 4) li Malta għad ikollha belt ġdida. Din seħħet fil-bini tal-Belt Valletta wara l-assedju ta' l-1565.

Il-leġġenda tkompli li meta n-nisa rawh miexi fuq wiċċ l-ilma u ma għereqx, nidmu u rieduh jerġa' lura. Baqa' fuq Kemmuna sakemm l-eremita li kien hemm, miet. Corrado, wara l-mewt ta' ħabibu, telaq lura lejn Sqallija.

Żewġ studjużi Maltin taw verżjoni oħra tal-profezija ta' Corrado. Dawn huma Dun J. Magro u Godfrey Wettinger. Dun Magri jgħid li Corrado qal hekk:

Għad jiġi għorob iswed,
Jagħnikom u jaħbikom,
U jmur u jħallikom.

L-għorob iswed hi l-Ordni ta' San Ġwann. Il-Maltin stennew ħwejjeġ kbar mill-Ordni ta' San Ġwann. Don Filippo Borg (1567-1649), l-ewwel prepostu ta' B'Kara, jgħid li n-nanna tiegħu kienet taf b'din il-profezija ta' l-Ordni. Man-nanna tiegħu, anzjani oħra wkoll jiftakru din il-profezija. Don Filippo Borg kiteb: '*Relazione sopra lo*



*Il-Leġġenda ta' l-Isperanza: Dettal tal-kwadru titulari fil-Kappella tal-Madonna ta' l-Isperanza.*



*Il-Leġġenda ta' l-Isperanza: Grupp ta' nies bl-ilbies ta' l-epoka ta' meta ġrat il-ġrajja ta' l-Isperanza f'waqt ta' re-enactment.*

*stato, Dazii ed altri Notizie Curiose dell'Isole di Malta'*.

Godfrey Wettinger qaleb bil-Malti dan id-dokument. Hu jgħid hekk: Li l-Ordni ta' San Ġwann kien ilu profetizzat għax kienet tgħid hekk - is-seqer jiġi mil-Lvant biex jiekol il-bież. Is-seqer hu t-Tork Ottoman u l-bież hu l-kavallier. Barra minnhekk, Wettinger jgħid li n-nobbiltà Maltija telqet lejn Sqallija biex teħles mill-ħakma ta' l-Ordni. Tifsira oħra ta' Wettinger hi li l-Ordni jibda bil-ħlewwa u imbagħad isir dittatorjali. Fil-fatt ħafna Maltin telqu lejn l-Italja biex ma jħallsux it-taxxi li bdiet timponi l-Ordni f'Malta!



*Il-Leġġenda ta' San Corrado: Il-Kappella ta' San Pawl Eremita, fil-għar fejn skond il-leġġenda kien jgħix l-eremita San Corrado.*

**N.B.**

*Ir-ritratti ma' dan l-artiklu ttieħdu kollha mis-sur Victor B. Caruana, minbarra dak tal-ħaddiema Mostin fil-Fortizza. Il-ħaddiem bil-mustaċċi bil-qegħda ħdejn is-suldat Ingliż bil-bombat hat huwa n-nannu tiegħu, Manuel Mifsud, li tista tgħid għamel għomru kollu jaħdem fil-Fortizza.*

*Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2004, waqt serata mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta organizzata minn 'Din l-Art Ħelwa'. Is-sur John Sarè, li huwa espert fil-qasam kulturali u folkloristiku, kien il-mistieden ta' din is-serata informattiva. Ħasra li attività bħal din ma kinitx pubbliċizzata biżżejjed mal-pubbliku Mosti. Għalhekk nixtieq nirringrazzja kemm lill-awtur innifsu, is-sur John Sarè (kif ukoll lis-sur Victor B. Caruana ta' l-intervent tiegħu), talli għoġbu jgħaddielna din il-kitba biex nippubblikawha - l-Editur.*

CIAPELLA MOTORS
For anything LandRover

Mosta Tel: 21 414441 - Fax: 21 416837
Mġarr Tel: 21 574615 - Fax: 21 572504